



Kunsill Ewropew

Brussell, 30 ta' Awwissu 2014
(OR. en)

EUCO 163/14

CO EUR 11
CONCL 4

NOTA TA' TRASMISSJONI

Minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew (30 ta' Awwissu 2014) - Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa t'hawn fuq.

I. IĊ-ĊIKLU ISTITUZZJONALI LI JMISS

1. Fid-dawl tal-konsultazzjonijiet li twettqu mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill Ewropew, f'konformità mat-Trattati, illum adotta d-deċiżjonijiet li ġejjin:
2. Il-Kunsill Ewropew eleġġa lis-Sur Donald Tusk bħala President tal-Kunsill Ewropew għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2014 sal-31 ta' Mejju 2017¹. Huwa talab lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill biex jassisti lill-President elett tal-Kunsill Ewropew matul il-perijodu ta' tranżizzjoni.
3. Il-Kunsill Ewropew ħatar, bil-qbil tal-President elett tal-Kummissjoni, lis-Sinjura Federica Mogherini bħala Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għall-perijodu mit-tmiem tal-mandat attwali tal-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2019².
4. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kunsill biex jadotta mingħajr dewmien, bi qbil komuni mal-President elett tal-Kummissjoni, il-lista ta' persuni oħra li huwa ser jipproponi li jinħatru bħala membri tal-Kummissjoni.
5. Il-Kummissjoni l-ġdida ser tinħatar mill-Kunsill Ewropew wara vot ta' kunsens mill-Parlament Ewropew dwar il-President, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-membri l-oħra tal-Kummissjoni bħala korp.
6. Il-Kunsill Ewropew laqa' d-deċiżjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja li l-munita tagħhom hija l-euro li taħtar lis-Sur Donald Tusk bħala President tas-Summit taż-Żona tal-Euro għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2014 sal-31 ta' Mejju 2017³.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li teleġġi lill-President tal-Kunsill Ewropew (EUCO 144/14)

² Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li taħtar ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (EUCO 146/14)

³ Deċiżjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja li l-munita tagħhom hija l-euro li taħtar il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro (dok. 11949/14)

II. KWISTJONIJIET EKONOMIĊI

7. Minkejja titjib sinifikanti fil-kondizzjonijiet tas-suq finanzjarju u fl-isforzi strutturali li saru mill-Istati Membri, is-sitwazzjoni ekonomika u tal-impjiegi fl-Ewropa tqajjem tħassib sinifikanti. F'dawn l-aħħar ġimgħat id-data ekonomika kkonfermat li l-irkupru, partikolarment fiż-żona tal-euro, huwa dgħajjef, li l-inflazzjoni hija eċċezzjonalment baxxa u li l-qgħad huwa inaċċettabbilment għoli. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar is-Semestru Ewropew kif ukoll fil-ftehim tiegħu dwar Aġenda Strateġika b'fokus qawwi fuq l-impjiegi, it-tkabbir u l-kompetittività. Il-Kunsill Ewropew jappella għal progress rapidu fl-implimentazzjoni ta' dawn l-orjentazzjonijiet. Għal dan il-għan, huwa jitlob lill-Kunsill biex jivvaluta s-sitwazzjoni soċjoekonomika u biex jibda jaħdem bla dewmien fuq dawn il-kwistjonijiet. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll l-intenzjoni tal-gvern Taljan li jorganizza konferenza f'Ottubru fil-livell tal-Kapijiet ta' Stat u jew Gvern dwar l-impjieg, speċjalment l-impjieg taż-żgħażaġh, b'segwitu għal dawk li saru f'Berlin u Pariġi. Fil-ħarifa, il-Kunsill Ewropew ser jindirizza wkoll is-sitwazzjoni ekonomika u ser jitlaqqa' Summit taż-Żona tal-euro minħabba f'hekk.

III. RELAZZJONIJIET ESTERNI

UKRAINA

8. Filwaqt li jfakkar fid-dikjarazzjonijiet tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern dwar l-Ukraina tas-6 ta' Marzu u tas-27 ta' Mejju u fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Marzu, is-27 ta' Ġunju u s-16 ta' Lulju, il-Kunsill Ewropew jibqa' estremament imħasseb bil-ġlied li għaddej u li qed isir dejjem aktar intens fil-Lvant tal-Ukraina u jkompli jikkundanna bil-qawwa l-annessjoni illegali tal-Krimea. Huwa jikkundanna l-influssi dejjem akbar ta' ġellieda u armi mit-territorju tal-Federazzjoni Russa lejn il-Lvant tal-Ukraina kif ukoll l-aggressjoni mill-forzi armati Russi fuq l-art tal-Ukraina. Huwa jappella lill-Federazzjoni Russa biex tirtira minnufih l-assi u l-forzi militari kollha tagħha mill-Ukraina. L-Unjoni Ewropea ttenni l-ħtieġa urġenti għal soluzzjoni politika sostenibbli bbażata fuq ir-rispett tas-sovranià, l-integrità territorjali, l-għaqda u l-indipendenza tal-Ukraina.

9. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' paċi tal-President Poroshenko mingħajr dewmien. L-ewwel pass għandu jikkonsisti mill-waqfien mill-għied bi qbil reċiproku u vijabbli, l-istabbiliment mill-ġdid ta' kontroll mill-Ukraina fuq il-fruntiera tagħha, u l-waqfien immedjat tal-flussi ta' armi, materjal u persunal militari mill-Federazzjoni Russa lejn l-Ukraina, kif ukoll ir-rilaxx urġenti tal-ostaġġi kollha miżmuma mill-gruppi armati illegalment kif ukoll tal-priġunieri miżmuma fil-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu għall-aċċess immedjat, sikur u mingħajr restrizzjonijiet fuq is-sit tat-tiġri ta' MH17 bħala parti mill-waqfien mill-għied. Il-Kunsill Ewropew jesprimi għal darb'oħra l-appoġġ tiegħu għall-isforzi prezzjużi tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.
10. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-diskussjonijiet trilaterali mnedija bejn l-Unjoni Ewropea, l-Ukraina u l-Federazzjoni Russa dwar kwistjonijiet prattiċi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni/DCFTA u d-diskussjonijiet dwar l-enerġija. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-partijiet kollha biex iżommu l-momentum biex jintlaḥqu riżultati tanġibbli fil-limitu ta' żmien maqbul. Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll lill-partijiet kollha biex jappoġġaw u jiffaċilitaw it-trasport stabbli u sigur tas-sorsi tal-enerġija, b'mod partikolari l-gass.
11. Il-Kunsill jappella lill-partijiet kollha biex jappoġġaw u jiffaċilitaw mingħajr dewmien il-ħidma tal-organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali, f'konformità mad-dritt u l-prinċipji umanitarji internazzjonali. L-impatt umanitarju tal-konflitt fuq il-popolazzjoni ċivili m'għandux jiġi sfruttat għal finijiet politiċi jew militari. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-kontribwenti kollha, inkluża l-Federazzjoni Russa, biex jappoġġaw l-isforz ta' għajjuna internazzjonali mmexxi min-Nazzjonijiet Uniti, b'rikonoxximent sħiħ tar-rwol tal-Gvern tal-Ukraina bħala l-ewwel tweġiba.
12. Il-Kunsill Ewropew jibqa' involut fil-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni Ewropea u jinsab lest jieħu passi ulterjuri sinifikanti, fid-dawl tal-iżvilupp tas-sitwazzjoni fuq il-post. Huwa jitlob lill-Kummissjoni biex tibda b'urġenza ħidma preparatorja, b'mod konġunt mas-SEAE, u biex fi żmien għimha tippreżenta proposti għall-kunsiderazzjoni. Huwa jitlob lill-Kummissjoni biex tinkludi fil-proposti tagħha dispożizzjoni li abbażi tagħha kull persuna u istituzzjoni li tittratta mal-gruppi separatisti fid-Donbass tkun elenkata.

13. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-miżuri eċċezzjonali li ttieħdu mill-Kummissjoni biex jiġu stabbilizzati s-swieq agrikoli u alimentari tal-UE biex jittaffew l-effetti tar-restrizzjonijiet Russi fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli tal-UE. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel monitoraġġ tas-sitwazzjoni u biex tikkunsidra li tadotta miżuri ulterjuri, kif adatt.

IRAQ/SIRJA

14. Il-Kunsill Ewropew huwa estremament diżappuntat bid-deterjorament tas-sitwazzjoni ta' sigurtà u umanitarja fl-Iraq u fis-Sirja bħala riżultat tal-okkupazzjoni ta' partijiet mit-territorju tagħhom mill-"Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante (ISIL)". Il-Kunsill Ewropew huwa xxukkjat u jikkundanna bil-qawwa l-qtil indiskriminat u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn din l-organizzazzjoni u organizzazzjonijiet terroristiċi oħra, b'mod partikolari kontra l-Kristjani u minoranzi reliġjużi u etniċi oħra li għandhom jagħmlu parti minn Iraq ġdid u demokratiku u l-gruppi l-iktar vulnerabbli. Dawk responsabbli għal dawn ir-reati ser jinżammu responsabbli. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza ta' azzjoni koordinata mill-pajjiżi tar-reġjun biex jirribattu dan it-theddid. Huwa jhegġegħ lill-mexxejja kollha fl-Iraq biex jiffurmaw gvern verament inklużiv bħala l-ewwel rispons politiku għall-kriżi attwali, u jinsab lest li jappoġġa lill-Gvern tal-Iraq fit-twettiq tar-riformi neċessarji.
15. L-instabbiltà fis-Sirja, kawża tal-gwerra brutali tar-reġim ta' Assad kontra l-poplu tiegħu stess, iippermettiet li jiffjorixxi l-ISIL. Soluzzjoni dejjiema tirrikjedi b'urġenza tranżizzjoni politika fis-Sirja.
16. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-partijiet kollha fil-konflitt fis-Sirja biex jirrispettaw il-mandat tal-Forza tan-Nazzjonijiet Uniti Inkarigata mill-Osservanza tad-Diżimpenn u biex jiżguraw is-sigurtà u l-libertà tal-moviment tat-truppi tan-NU, inkluż dawk mill-Istati Membri tal-UE, u jikkundanna l-attakki reċenti fuq il-Forza u d-detenzjoni ta' wħud mill-membri tagħha.

17. Il-Kunsill Ewropew jemmen li l-ħolqien ta' Kalifat Islamiku fl-Iraq u fis-Sirja u l-esportazzjoni tat-terroriżmu Islamiku-estremist li fuqu huwa bbażat, hu ta' theddida diretta għas-sigurtà tal-pajjiżi Ewropej. L-Unjoni Ewropea hija determinata li tikkontribwixxi fil-għieda kontra t-theddida kkawżata mill-ISIL u minn gruppi terroristiċi oħra fl-Iraq u s-Sirja, kif mitlub mir-Riżoluzzjoni 2170 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-isforzi li saru mill-Istati Uniti u msieħba oħra u l-inizjattiva li tiġi organizzata konferenza internazzjonali dwar is-sigurtà fl-Iraq. Huwa jappoġġa d-deċiżjoni mill-Istati Membri individwali li jipprovdu materjal militari lill-Iraq, inkluż lill-awtoritajiet reġjonali Kurdi. Hija titlob lill-Kunsill biex iqis użu aktar effettiv tal-miżuri restrittivi eżistenti, b'mod partikolari sabiex iċaħħdu lill-ISIL mill-benefiċċji ta' bejgħ illeċitu ta' żejt jew bejgħ ta' riżorsi oħra fis-swieq internazzjonali. Hija għadha impenjata wkoll li tipprovdi assistenza umanitarja lill-popolazzjonijiet milquta.

*

* *

18. Il-Kunsill Ewropew jemmen bil-qawwa li hija meħtieġa azzjoni determinata biex jitwaqqaf il-fluss ta' għellieda barranin. Huwa jappella għall-implimentazzjoni rapida tal-pakkett ta' miżuri tal-UE b'appoġġ għall-isforzi tal-Istati Membri, kif maqbul mill-Kunsill sa minn Ġunju 2013, b'mod partikolari biex jimpedixxu r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu, jikkondividu l-informazzjoni b'mod aktar effettiv - inkluż ma' pajjiżi terzi rilevanti, jiddisswadu, jidentifikaw u jisfrattaw l-ivvjaġġar suspettuż u jinvestigaw u jipproċedu kontra l-għellieda barranin. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew sabiex jiffinalizzaw il-ħidma fuq il-proposta tal-UE għal Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri qabel tmiem is-sena.

Il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll il-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi biex jiżviluppaw approċċ koerenti, inkluż it-tisħiħ tas-sigurtà fuq il-fruntieri u tal-avjazzjoni u l-kapaċità kontra t-terroriżmu fir-reġjun.

Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kunsill biex jirrevedi l-effikaċja tal-miżuri u biex jipproponi azzjoni addizzjonali, kif ikun meħtieġ. Il-Kunsill Ewropew ser jirrieżamina din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu f'Diċembru.

GAŶA

19. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim għall-waqfien mill-ġlied milħuq taħt l-awspiċi tal-awtoritajiet Eġizzjani. Huwa jħeġġeġ liż-żewġ Partijiet biex josservawh bis-sħiħ u biex ikomplu bin-negozjati li jwasslu għal titjib fundamentali tal-kondizzjonijiet tal-għajxien tal-poplu Palestinjan fl-Istrixxa ta' Gaża permezz tat-tneħħija tar-reġim tal-għeluq ta' Gaża, u biex itemmu t-theddida għall-Iżrael min-naħa tal-Hamas u gruppi militanti oħra f'Gaża. Dan għandu jiġi appoġġat minn monitoraġġ u verifika internazzjonali biex tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa ta' ftehim komprensiv. Il-gruppi terroristiċi kollha f'Gaża għandhom iċedu l-armi.

Għalhekk huwa urġenti li l-gvern kunsenswali Palestinjan jeżerċita r-responsabbiltajiet kollha tiegħu kemm fix-Xatt tal-Punent kif ukoll fl-Istrixxa ta' Gaża inkluż fil-qasam tas-sigurtà u tal-amministrazzjoni ċivili.

Il-Kunsill Ewropew għadu mħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni umanitarja diżastruża fl-Istrixxa ta' Gaża. Hu jappella għal aċċess umanitarju immedjat u mingħajr xkiel f'konformità mal-liġi internazzjonali.

20. Il-Kunsill Ewropew itenni li l-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tikkontribwixxi għal soluzzjoni komprensiva u sostenibbli li ssaħħaħ is-sigurtà, il-benesseri u l-prosperità tal-Palestinjani u l-Iżraeljani bl-istess mod.
21. Ftehim finali bbażat fuq is-soluzzjoni ta' żewġ Stati biss iġib paċi u stabbiltà dejjiema. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jinkoraġġixxi liż-żewġ partijiet biex jerġgħu jimpenjaw ruħhom f'negozjati għal dan il-għan. L-Istrixxa ta' Gaża għandha tkun parti minn Stat Palestinjan futur.

LIBJA

22. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa ż-żieda fil-ġlied fil-Libja, speċjalment attakki kontra żoni residenzjali, istituzzjonijiet pubbliċi, faċilitajiet u infrastruttura kritika.
23. Huwa jappella lill-partijiet kollha fil-Libja biex jaċċettaw waqfien mill-ġlied immedjat, biex tintemm it-tbatija tal-poplu, u biex jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv fi djalogu politiku inklużiv. F'dan ir-rigward, huwa jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tal-missjoni tan-NU fil-Libja.

24. Il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi wkoll lill-pajjiżi ġirien u l-pajjiżi tar-reġjun biex jappoġġaw waqfien immedjat tal-ostilitajiet u biex joqogħdu lura minn azzjonijiet li jistgħu jiggravaw id-diviżjonijiet attwali u jdgħajfu t-tranżizzjoni demokratika tal-Libja.
25. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-gvern interim u l-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Libja biex jistabbilixxu b'mod urġenti gvern tassew inklużiv li jkun kapaċi jindirizza l-ħtiġijiet tal-poplu Libjan. Huwa jinkoraġġixxi lill-Assemblea għall-Abbozzar tal-Kostituzzjoni biex bħala kwistjoni ta' urġenza tkompli l-ħidma tagħha fuq test kostituzzjonali li għandu jistabbilixxi u jipproteġi d-drittijiet tal-Libjani kollha.

EBOLA

26. Il-Kunsill Ewropew jesprimi tħassib dwar il-kriżi kkawżata mill-virus tal-Ebola fl-Afrika, u jenfasizza l-importanza li l-komunità internazzjonali kollha tagħti appoġġ koordinat sostanzjali lill-pajjiżi tar-reġjun, lill-NGOs u lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) biex jgħinhom jittrattaw il-marda bl-aktar mod rapidu u effiċjenti possibbli. F'dan ir-rigward il-Kunsill Ewropew jilqa' l-fondi addizzjonali pprovduti mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-isforzi tagħhom li jipprovdu aktar riżorsi finanzjarji u umani biex tintlaħaq b'mod partikolari d-domanda akbar għal esperti fuq il-post. Il-Kunsill Ewropew irodd ħajr lill-isforzi tal-ħaddiema umanitarji u dawk fil-qasam tas-saħħa li jinsabu fuq il-front. Huwa jħeġġeġ lill-pajjiżi kollha biex isegwu l-linji gwida tal-WHO u jippermettu, anke jekk ikunu kkontrollati, konnessjonijiet tal-ajru mill-pajjiżi kkonċernati u lejnhom sabiex jippermettu lill-ekonomiji tagħhom ikomplu jiffunzjonaw. Il-Kunsill Ewropew jappella għal aktar koordinazzjoni fil-livell tal-UE tal-assistenza pprovduta mill-Istati Membri tal-UE u jistieden lill-Kunsill jadotta qafas ta' reazzjoni komprensiva tal-UE biex jindirizza dan il-kriżi.